MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 08/K6/2009 |
| Data: | It-Tlieta, 26 ta' Jannar 2010 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sindku : | Sur Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Abela<br>Sur Emanuel Brincat<br>Dott. Carmelo Grima<br>Sur Matthew Agius<br>Sur Charles Selvaggi |
| | Is-Segretarju Eżekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat nhar il-Gimgħa, 22 ta' Jannar, 2010. L-Aġenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 07/K6/2009.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Żviluppi fuq l-embellishement ta' ġnien Ġużè Ellul Mercer
5. Tweġibiet għall-Memos varji tas-sena 2010
6. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
8. Affarijiet oħra jekk urġenti.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Seduta Nru 08/K6/2009

Punt 1 Approvazjoni tal-Minuti tas-Seduta 07/K6/2009

305. Is-Sindku ressaq il-minuti 07/K6/2009 bħala moqrija. Kien hemm is-segwenti korrezjonijiet:

306. M Agius stqarr illi in-numru ta' pagament 73 fl-iskeda tal-pagamenti 22/12/09 ma tinkludix biss spejjes ta' mobile, iżda tinkludi ukoll spejjeż ta' transport.

307. Dwar minuta 272(b), C Selvaggi qal illi huwa ma jiftakarx illi l-Kunsill qabel li niktbu li l-multa għar-rimi illegolari ta' skart, fuq il-fuljett li tqassam lir-residenti, hija ta' €233. Is-Segretarju qal illi huwa jaf li hekk intqal, u filfatt din għalhekk qegħda miktuba fil-minuti.

308. Dwar minuta 269, M Agius talab li jiżdied il-kliem 'u toroq oħra li ma rċivewx l-ittra' wara l-kliem '… Triq il-Punent'.

309. Dwar minuta 282, M Agius qal li għandu jiżdied is-segwenti kliem fl-aħħar tal-minuta '…fejn talab li jiġi infurmat biex jattendi'.

310. Dwar minuta 288, M Agius qal li għandu jiżdied il-klieb '…ħabba studju' wara l-kliem '…illi huwa kien msiefer'.

311. Dwar minuta 303, M Baldacchino qalet illi l-ħanut jismu 'Up Distributor'. Hija kompliet billi qalet li kienet tablet biex l-Kunsill iwaħħal sticker tla-ħmieġ tal-klieb l-inħawi ta' Triq il-Kunċizzjoni.

312. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ukoll approva illi fis-sena finanzjarja 2010, isiru xogħlijiet ta' *resurfacing* fit-toroq segwenti: Baċir, Punent, Sqaq St. Venera u Sqaq Casolani. Il-Kunsill qabel.

313. Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazjoni. Dott. Grima issekonda. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

Punt 2 Materji mil-Minuti

314. Dwar minuta 267, C Selvaggi saqsa kienx hemm xi żviluppi. Is-Segretarju ikkonferma illi l-Pulizija bdew jaħdmu fuq il-punti illi l-Kunsill ilmenta fuqhom permezz ta' e-mail, fosthom il-problema ta' parkeġġ irregolari fi Triq Indri Grima.

315. Dott Grima saqsa kienx hemm żvilupp fuq minuta 270. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv. Dott. Grima issuġerixxa illi niktbu lill-kumpanija illi peress li ma weġibx, il-Kunsill ser imexxi skond l-*Bye-Law* u jaqla r-riklami.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

316. Dwar minuta 272(a), Dott Grima saqsa kienx hemm żvilupp. Is-Segretarju qal li kollox qiegħed *on track*. Fi Frar ser jibda jinġabar biss l-iskart riċiklat kull nhar ta’ Tlieta u l-kuntrattur mhux ser jtiħallas talli ma jiġborx il-boroż suwed.

317. Dwar minuta 275, M Agius saqsa kienx hemm tweġiba mil-MEPA dwar il-ħajt sorġut ‘l barra fi Triq Misraħ il-Barrieri. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv.

318. Dwar minuta 275, C Selvaggi saqsa kienx hemm xi żvilupp min-naħa tal-ADT. Is-Segretarju qal li l-ittra intbgħatet, iżda ma kien hemm l-ebda risposta.

319. Dwar minuta 276, Dott. Grima qal jekk saritx l-ispezjoni fuq il-garaxx ta’ s-Sur Mariani fi Triq Makna tas-Serrar. Is-Segretarju qal li qed jistenna mil-Pulizija biex jakkumpanjaw il-Kunsillier biex jiċċekjaw il-garaxx.

320. Dwar minuta 278, C Selvaggi saqsa għala għadom ma sarux il-*bins* tla-ħmieġ tal-klieb. Is-Segretarju qal li stenna biex jgħamel ordna waħda kbira, minflok jordna wieħed wieħed. B’hekk frankajna mill-ispejjeż.

321. Dwar minuta 279, C Selvaggi saqsa meta ser issir il-laqgħa mad0diriġenti tal-kumpanija ‘Vivien Commercials’. Is-Sindku qal li qed issir koordinazjoni biex dan isir. E Abela saqsa ukoll dwar meta ser issir il-laqgħa mas0Sur Kenneth De Martino. Is-Sindku qal li din issir fix-xahar li ġej.

322. Dott. Grima saqsa kienx hemm żvilupp fuq minuta 287(b), dwar il-protest legali mal-MEPA. Is-Segretarju qal li peress illi l-Kunsill għadu ma għażilx offerta għal-servizz ta’ Avukat, ma setgħax jgħamel dan.

323. C Selvaggi saqsa meta ser issir is-*sleeping policeman* msemmija f’minuta 301. Is-Segretarju qal li ser tiġi ordnata ma xogħo lieħor.

Punt 3 Korrispondenza

324 (a). 0140 – Is-Sindku qara l-ittra, dwar tqassim ta’ flyer tal-iskart, mibgħuta mid-Direttur Natalino Attard. Il-Kunsill qabel illi jerġa jitqassam l-istess flyer mingħajr il-parti fejn issemmi il-multa din il-ġimgħa stess, filwaqt illi malli s-sistema tibda tindara mir-residenti fil-ġimgħat li ġejjin, jintbgħat flyer informattiv dwar is-separazjoni tal-iskart, fejn tiġl msemmija l-multa korretta ukoll.

324 (b). M Agius qal li l-Kunsill għandu jitlob quotes sabiex naraw kemm jiswew biex il-Kunsill jerġa iqassam boroż ta’ riċiklaġġ b’xejn lir-residenti.

325. 0111 – Is-Sindku qara l-ittra. Il-Kunsill qabel li jidħol f’arranġament mal-kumpanija TCTC biex jespandi il-kosrsijiet tal-ICT miċ-Ċentru Ċiviku, filwaqt li sar qbil biex isir ftuħ uffiċjali tal-Librerija u Ċentru tal-ICT fil-ġranet ta’ 24, 25 jew 27 ta’ Frar.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION
ADDS NO
WATERMARK
www.print-driver.com

326. 0083 – Is-Segretarju qara l-ittra u spjega li l-proċess għad-divoluzjoni tal-Iskola Mater Dei u il-Ġibjun fi Triq il-Wied għadom għaddejin.

327. 0161 – Is-Sindku qara l-ittra. E Brincat qal li din għanda tiġl approvata basta ma tkunx attivita b'sens partiġjan. Il-Kunsill approva it-talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni.

328. 0066 – Is-Segretarju qara l-ittra u qal illi wara li l-Kunsill kellu xi riservi dwar il-ħlas rikjest mil-Kumpanija Wasteserv sabiex jiġu devoluti il-Bring In Sites tagħhom, huwa irranġa sabiex dan il-ħlas isir darba biss, u jkun jista jiġġedded kull sitt xhur. Dan il-ħlas, kompla is-Segretarju ikun għal għan ta' depositu biss. Il-Kunsill qabel.

329. 0067 – C Selvaggi spjega din il-korrispondenza, dwar iż-żamma tal-indafa fis-*slipway* ta' Triq ix-Xatt ta' Xbiex. Il-Kunsill qabel li jesplora il-*bye-law* tal-Kunsill ta' San Giljan, sabiex jara kif din tista tgħin biex ittejjeb is-sitwazjoni fis-*slipway* tal-Imsida.

330. 0078 – Is-Sindku qara l-ittra. Il-Kunsill innomina lis-Sur J.M. Cassar Naudi għal dan il-premju annwali.

331 (a). 0103; 0015; 0052 – Is-Sindku qal li dawn huma it-tweġibiet mit-tenderers għas-servizz ta' konsulent legali. Is-Sindku qara' l-ittri.

331 (b). M Agius saqsa jekk Dott. Mifsud kienx ikkonferma li ser jattendi għal laqgħa ta' darba fil-ġimgħa mas-Segretarju. Is-Segretarju ikkonferma. Hawn is-Segretarju qara korrispondenza b'numri 0149 u 0156. Waħda hija ittra mid-Direttur Natalino Attard fejn huwa spjega kif il-Kunsill mhux marbut jgħażel l-irħas offerta, sakemm il-Kunsill ikollu raġuni valida. Filwaqt illi korrispondenza numru 0156, mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Qormi, tispjega kif huma ukoll kellhom każ identiku, fejn l-għażla finali tagħhom kienet ibbażata fuq l-kontinwita u mhux fuq l-orħos offerta.

331 (c). Is-Sindku qal li l-offerta tal-Avukata Mallia ma hix skond ma kien mitlub fit-tender, u għaldaqstant l-għażla tal-Kunsill hija bejn l-avukat Mifsud u l-Avukat Attard.

331 (d). Is-Sindku propona li l-Kunsill jikteb lid-Direttur għal Gvern Lokali dwar din is-sitwazjoni fejn kandidat għandu l-prezz favuriħ u l-ieħor għandu l-kontinwita favuriħ. Is-Sindku kompla sabiex it-tweġiba tad-Direttur tkun turbot id-deċizjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss. Dott. Grima qal li ma jaqbilx li d-Direttur jiddeċiedi għal Kunsill. Dott Grima sostna illi l-Kunsill ġie elett biex jgħamel dawn id-deċizjonijiet. Is-Sindku qal illi f'dan il-każ partikolari, l-każ ta' kontinwita mhux ċaru għaldaqstant jixtieq jitlob kjarifika mid-Direttur.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

331 (e) Dott Grima u C Selvaggi qalu li l-kjarifika tad-Direttur diġa intalbet mis-Segretarju f'korrispondenza numru 0149. It-tweġiba tad-Direttur kienet ċara. C Selvaġġl saqsa lis-Segretarju jekk Dott. Mifsud qdiħs, jekk jaħdimx ma Kunsilli oħra u x'każi pendenti hemm ma Dott. Mifsud. Is-Segretarju wieġeb, filwaqt li informal ill-Kunsilliera illi f'każ li Dott. Mifsud ma jintgħażilx għal dan is-servizz, hem mil-possibilta li l-każi preżenti jaqaw bħala *come ceduta* u għaldaqstant Dott. Mifsud jista jitlob kumpans għad-drittijiet li jammonta għal eluf ta' Ewro.

331 (f) Dott. Grima qal li fiċ-ċirkostanzi ma jaqbilx li ssir il-bidla fl-avuklat għal differenza ta' €1500 biss. M Agius issekonda. E Abela qal li la is-Segretarju iħossu kunfidenti jaħdem ma' Dott. Mifsud, mela ma jarax raġuni ulterjuri għala ma għandux jintgħażel hu għal dan is-servizz.

331 (g) Is-Sindku reġa ressaq il-proposta tieħu biex il-Kunsill jitlob il-parir tad-Direttur, avolja hemm rakkomandazjoni għal Dott. Mifsud. C Selvaggi qal li l-Kunsill gġadu ma rrakomandax l-offerta ta' Dott. Mifsud. Dott Grima ressaq il-proposta tiegħu biex il-Kunsill jiddeċiedi u umbgħad jinforma lid-Direttur dwar tali deċizjoni. Is-Sindku issospenda il-laqgħa. Ħin: 19.15.

331 (h) Il-laqgħa kompliet. Ħin: 19.30.

331 (i) Is-Sindku saqsa min kien favur li tintgħażel l-offerta ta' Dott. Mifsud. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Sindku qal li din id-deċizjoni għanda tintbgħat lill-kandidati kollha kif ukoll lid-Direttur.

332 (a). 0155 – Is-Sindku qara' l-ittra, dwar il-Komunita tas-Swatar. E Brincat propona illi Triq l-Għabex ma tkunx tgħamel mal-Imsida, għax din dejjem kienet responsabilta' ta' Birkirkara. Il-Kunsill qabel.

332. (b) M Agius propona sabiex waqt l-elezjoni tal-hamlet, il-Kunsill iqassam flyer informattiv dwar l-elezjoni u il-ħtieġa li n-nies jikkonkorru.

333. Is-Sindku ressaq l-aplikazjonijiet għal Performance Bonus tal-ħaddiema klerikali tal-Kunsill. Il-Kunsill approva l-massima għal ħaddiema kollha inkluż is-Segretarju Eżekuttiv.

334. Is-Segretarju preżenta kont preżentat min persuna li għamlet ħsarat fil-vettura tagħha fi Triq is-Swatar Msida. Il-Kunsill qabel li jgħati rimbors għall-ispejjes tat-tiswija.

335. C Selvaggi talab ikun mgħarraf dwar korrispondenza numri 0114; 2070; 2072. Is-Segretarju wieġeb, filwaqt li ikkonferma li ma jafx jekk hemmx aktar korrispondenza simili ta 2070 u 2072 mil-Bord tal-Petizjonijiet. Is-Sindku qal illi huwa kien kiteb xi petizjonijiet għal residenti dwar taħrikiet f'Settembru 2009 u ma kitibx oħrajn wara. M Agius saqsa min huwa il-persuna li ikkumenta biex it-



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

taħrikiet ma jinħafrux. Is-Segretarju qal li dik il-persuna hija l-Uffiċjal Awtorizzat Anthony Borġ Caruana.

Punt 4 Żviluppi fuq l-embellishement ta' ġnien Ġużè Ellul Mercer

336. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li wasal iż-żmien illi l-Kunsill jibda jiprepara sabiex japlika għal fond ital-Unjont Ewropeja sabiex isir l-embellishment tal-ġnien quddiem il-Knisja Parrokjali. Is-Segretarju spjega kif sabiex il-Kunsill jgħamel san il-proġett, irid ikun hemm ko-finanzjament ta' 15% mil-fondi tal-Kunsill.

337. Is-Segretarju qal li l-unika mod li l-Kunsill għandu biex iġib dan il-finanzjament huwa billi juża l-fond kollhu tal-Urban Improvement Fund u japlika skond Memo 2/2010 għal ko-finanzjament mid-Dipartiment għal Gvern Lokali.

338. Il-Kunsill iddiskuta l-materja u ftihem ukoll illi jekk l-applikazjoni ma tkunx tista issir għal xi raġuni jew oħra, l-Kunsilliera jistgħu jibgħatu s-suġġerimenti tagħhom b'*e-mail* sad-9 ta' Frar 2010, dwar xiex jistgħu jintużaw tali fondi.

Punt 5 Tweġibiet għall-Memos varji tas-sena 2010

339. Is-Segretarju preżenta ammont ta' Memos sabiex tittieħed deċizjoni fuqhom mil-Kunsill:

- Memo 7/2010 – Dwar Aċċessibilta f'postijiet publici: Naplikaw sabiex isiru rampi f'xi bankini wara l-Knisja biex ikunu aktar aċċessibli.

- Memo 10/2010 – Proġett ta' Enerġija Alternattiva – Solar Panel sabiex jgħati id-dawl fil-ġnien faċċata tal-Għassa

- Memo 12/2010 – Tħawwil ta' Siġar – Naplikaw sabiex isir tħawwil quddiem il-Knisja, l-Universita u s-Swatar.

- Memo 15/2010 – Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali – Naplikaw biex ikompli l-knis ta' wara nofsinar fejn l-Universita u Junior College fix-xhur tal-iskola u sabiex isir aktar tindif tax-Xatt fis-Sajf.

- Memo 21/2010 – Restawr – Naplikaw biex isir restawr tal-Għajn tal-Ħasselin u l-faċċata tal-Knisja iż-żgħira.

Punt 6 Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet

340. Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti tal-kontijiet K6/Min08 għall-approvazjoni.

341. Dott. Grima saqsa dwar punti 97, 98 u 99. Is-Segretarju spjega, filwaqt li wara li salsa lid-Direttur Natalito Attard dwar il-materja, dan ikkonferma illi dawn

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

il-pagamenti jistgħu jitħalsu sakemm ikunu approvati mill-Kunsill. Dott. Grima qal li jekk tikkompara punti 74 sa 82, dawn xorta huma irħas mil-mobile *reinbursement* tas-Sindku.

342. M Agius salsa ta' xiex inhuma l-ispejjes mnizzla taħt punt 97. Is-Segretarju qal li dawn huma spejjes ta' trasport tas-Sindku kif mniżżel fl-istess lista. Is-Segretarju qal li fuq dawn ukoll tkellem mad-Direttur u jistgħu jitħallsu sakemm dejjem ikunu approvata mil-Kunsill.

342. Is-Sindku ressaq il-punti 97, 98 u 99 għall-vot. Il-pagamenti ġew approvati b'erbgħa voti kontra tlieta.

343. Il-kontijiet l-oħra tressqu għall-approvazjoni ukoll. M Baldacchino issekondat. Il-lista ġiet approvata u iffirmata mis-Sindku, M Baldacchino u s-Segretarju Eżekuttiv.

Punt 7 Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.

344. M Baldacchino resqet il-Minuti tas-Sotto Kumitat Comunita Flimkien għall-approvazjoni. Il-Kunsill qabel.

Punt 8 Affarijiet oħra jekk urġenti

345. Is-Sindku qal li l-applikazjoni għall-attivita sportiva ma ġietx aċċettata, iżda l-Kunsill jista jibdel l-applikazjoni tiegħu sabiex jgħamel attivitajiet sportivi fl-iskola primarja tal-Imsida. Il-Kunsill qabel.

346. Is-Sindku qal li l-kollettur ta' Bulky Refuse jixtieq jibdel il-ġranet tal-ġbir għall-Ħamis u is-Sibt. Il-Kunsill qabel.

347. Is-Segretarju spjega kif fil-każ tal-qorti kontra il-kumpanija Masquerade, l-kumpanija preżentat ittra mil-eks Segretarju Eżekuttiva fejn din ma kienetx tablet għal ħlas ta' tqegħid ta' boundary wall u l-art okkupata ta' warajh. Is-Segretarju qal li wara li tkellem mal-Avukat u s-Sindku, għamel laqgħa informali ma' sid l-iżvilupp fejn tkelmu dwar dan il-każ. Is-Sid stqarr miegħu illi huwa lest joffri il-faċilitajiet tal-post lill-Kunsill għat-tgħalim tat-tfal u l-anzjani. Is-Segretarju qal illi huwa talab li żgur irid isir il-pagament tat-tqegħid tat-*towercrane* u qabel ma jsir dan ma niddiskutux aktar. Il-Kunsill qabel.

348. Is-Sindku ressaq biex isiru żewġ *sleeping policeman* fi Triq Indri Grima u xi ħames bankijiet fi Triq J Borġ. Il-Kunsill qabel.

349. M Baldacchino qalet li l-korsijiet ta' tgħalim għat-tfal issa tlestew u l-għalliema jistgħu jitħalsu. Talbet ukoll biex isir refreshing tal-Bus Stop fi Triq Clarence u jiġi rapportat lill-ADT li ir-Reserved Parking bay li hemm fi Triq Antonio Bosio qed isir abbuż minnha.



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

350. E Abela stqarr li huwa qed jibża li hemm xi ħsarat fl-istruttura ta' triq Achille Ferris. Il-Kunsill qabel li niktbu lill-ADT sabiex tivverifika dan l-ilment.

351. M Agius qal li uffiċjali mid-Dipartiment tal-Artijiet iverifikaw l-art li huwa semma fi triq St. Venera. Huwa talab biex issir divoluzjoni. Is-Segretarju spejega kif il-proċess għal divoluzjoni mhux sempliċi daqsekk, u biex issir it-talba irid ikollok sitwazjoni finanzjarja li tippermetti. Huwa fakkar illi bħalissa il-Kunsill qed jitlob divoluzjoni fi tlett postijiet differenti.

352. M Agius qal li kiteb lis-CEO tal-ADT fejn talbu jinvestiga il-ħsarat li hemm fi Triq il-Wled minħabba s-siġar fit-triq. Huwa spjega li uffiċjali tla-ADT diġa ġew mqabbda biex jgħamlu rapport fuq is-sitwazjoni.

353. M Agius qal li sid ta' stabbilment fi Triq l-Universita, tal-kumpanija NSTS, talab lit għola il-bankina ta' quddiemu biex il-post isir aċċessibli. Il-Kunsill qal li jekk din tgħola ħa toħloq ċertu dislivelli li jġibu il-bankina kemmxejn perikoluża u għaldaqstant ma qabilx. Hemm miżuri oħra li sid il-post jista jgħamel fl-art private tiegħu biex iġib il-post aċċessibli.

354. M Agius fakkar biex issir il-laqgħa mas0Sur Kenneth De Martino.

355. Dott. Grima qal li dawk l-anzjani li jattendu għall-attivitajiet tla-anzjani, u jgħixu l-inħawi ta' Misraħ il-Barrieri għandhom jinġabru u jitwaqfu f'dawk l-inħawi stess.

356. Dott. Grima ippropona li it-talbiet ta' Reserved Parkings għandhom jiġu rifjutati mill-Kunsill sakemm l-aplikant ma jkollux *wheelchair*.

357. C Selvaggi qal li fi Triq il-Ġdida kantuniera ma Triq D'Argens hemm kaxxa safra quddiem garaxx, iżda li dan jintuża bħala maħżen. Huwa semma ukoll li l-Un'Loading bay ta' Triq D'Argens, quddiem il-ħanut li jbiegħ prodotti tal-gym ma jużaħiex filgħaxija. C Selvaggi qal ukoll li hemm bżonn isir maintenance fuq il-bankina ta' triq Upper Rue D'Argens.

358. Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 20.50pm

Approvati llum ______________________________

Nutar Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Eżekuttiv

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com